**Għaliex Għandna Nagħmlu *Switch* Għal Użu Aħjar tal-Enerġija?**

Ta' kuljum naraw, naqraw u nisimgħu nixxiegħa kontinwa ta' informazzjoni dwar l-enerġija u l-impatti tagħha għall-kwalità tal-ħajja tagħna u ta' dawk ta' madwarna. Dan l-aħħar l-esperti, il-politiċi u r-rappreżentanti tas-settur privat saru jitkellmu dwar il-bżonn li nrażżnu l-ħela u li nagħmlu użu aktar effiċjenti tal-enerġija tagħna. Jgħidulna li dan jista jsir biss billi nagħmlu bidla fil-mentalità tagħna u bil-mod kif inħarsu lejn l-enerġija.

Imma fil-verità, jaqblilna nbiddlu l-mod kif nużaw l-enerġija tagħna? X'inhuma l-vantaġġi ta' bidla fil-mentalità?

Qabelxejn, ta' min wieħed jifhem li l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ma tfissirx li nċaħħdu lilna nnifisna mill-istil ta' ħajja tagħna jew mill-affarijiet li nagħmlu ta' kuljum. L-effiċjenza tfisser li nkomplu nagħmlu l-istess attivitajiet, iżda billi naħlu inqas enerġija. Pereżempju, it-televiżjoni jaħli 25% tal-elettriku meta jitħalla fuq *stand-by*; għalhekk għandu jintefa' kompletament sabiex jiġi ffrankat l-ħela żejjed tal-elettriku.

F'dan il-każ allura, l-użu effiċjenti tal-enerġija ma jitlobx li nċaħħdu lilna nfusna milli nsegwu l-programmi favoriti tagħna fuq it-televiżjoni, iżda li nbiddlu prattika li tidher insinifikanti, iżda li fil-verità tagħmel differenza kbira kieku kellha tiġi applikata għall-apparat kollu li għandna fid-dar tagħna, inkluż il-kompjuter, iċ-*charger* tal-*mobile*, id-*dvd player* u t-*TV decoder*. Għalhekk bidla fil-mentalità.

Jekk il-prinċipju li joħroġ mill-prattika li nitfu t-televiżjoni kompletament napplikawh fil-ħajja tagħna ta' kuljum, u li allura naraw li f'kull ħaġa li nagħmlu nużaw l-enerġija bl-aktar mod effiċjenti, l-ewwel vantaġġ importanti, u li jagħmel differenza kemm fi żmien qasir u anke fit-tul, huwa li ntaffu l-impatt tal-kontijiet tal-enerġija fuq il-bwiet tagħna. U dan nistgħu faċilment nirriproduċuh fin-negozji ż-żgħar u medji tal-familja tagħna jew fuq il-post tax-xogħol.

L-użu effiċjenti tal-enerġija ttaffi wkoll l-impatt li nħallu fuq l-ambjent tagħna. Meta nużaw inqas enerġija fil-ħajja tagħna ta' kuljum, innaqqsu l-pressjoni fuq l-impjanti tal-enerġija tagħna, u dan fih inniffsu jnaqqas l-emissjonijiet li nħallu fl-arja. M'hemmx xi ngħidu: inqas emissjonijiet ifisser kwalità aħjar tal-arja u allura anqas tfal ibatu bl-ażma, u jkun hemm inċidenza iżgħar ta' kankru fil-kbar u fiż-żgħar fost ghadd ta' mard u perikli oħrajn.

Tul dawn il-ġimgħat il-Gvern nieda kampanja jisimha *Switch* u, fost ħafna affarijiet oħra, qed jibgħat ktejjeb b'informazzjoni dwar miżuri sempliċi li nistgħu nieħdu fil-ħajja tagħna ta' kuljum sabiex nużaw l-enerġija b'aktar galbu. Bħal fil-każ tat-televiżjoni li ngħata hawn fuq, dan il-ktejjeb, li jismu *"Dawn Raw id-Dawl…. Int Rajtu?"* se jagħtina diversi spunti dwar tibdiliet żgħar fil-prattiċi tagħna fir-rutina tagħna ta' kuljum. Tgħid nippruvaw nagħmlu *switch*?

Fost l-ideat ta' x'nistgħu nagħmlu biex innaqqsu l-konsum u nużaw l-enerġija bil-għaqal, ta' min insemmu li:

- Ma nħallux l-ilma ħiereġ meta naħslu snienna. B'hekk inkunu qegħdin niffrankaw ħafna mill-ilma li qiegħed jinħela għalxejn fis-*sink*;

- Nixgħelu l-*geyser* siegħa qabel ma ninħaslu u nitfuħ wara li nlestu. B'hekk insibu ilma sħun filgħodu wkoll;
- Meta nagħmlu kikkra te jew kafe, insaħħnu biżżejjed ilma għall-ammont ta' kikkri li rridu nimlew u mhux aktar; u
- Meta nkunu fuq il-kompjuter nixgħelu d-dawl fil-parti fejn inkunu qed naħdmu biss. Allura nixgħelu d-*desk lamp* flok l-i*spotlights* tal-kamra.

*Għal mistoqsijiet, ideat, kummenti u suġġerimenti, ibgħat email fuq energyswitch@gov.mt u/jew ċemplu fuq freephone 8007 2212. Tista' żżomm ruħek aġġornat b'dak kollu li qed jiġri fil-kampanja billi żżur is-sit tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru – www.opm.gov.mt/switch.*